

## Dikjarazzjoni dwar Kwalità

It-Trust tad-Diżabilità huwa impenjat li joħloq dinja inklussiva mibnija fuq il-fiduċja, ir-rispett u l-ugwaljanza, fejn in-nies b'diżabilità jgħixu l-ħajja li jagħżlu.

It-Trust tad-Diżabilità huwa impenjat li jtejjeb kontinwament is-servizzi tagħna permezz tal-implimentazzjoni ta' sistemi u proċessi ta' kwalità.

## Aħna Napprezzaw il-Feedback Tiegħek

It-Trust tad-Diżabilità jinkoraġġixxi lin-nies b'diżabilità, il-familji u l-carers tagħhom biex jagħmlu kummenti, joffru suġġerimenti jew iqajmu kwistjonijiet dwar is-servizzi, il-politiki jew il-programmi tagħna. Tista' tagħmel dan billi:

- titkellem mal-ħaddiem tiegħek jew mal-Maniġer dwar l-ideat jew it-tħassib tiegħek
- tipparteċipa fil-Forums tal-Konsumatur jew Laqgħat tas-Servizz
- twieġeb għal stħarriġ fejn jitlob l-opinjonijiet tiegħek dwar is-servizzi tagħna
- Timla l-"Feedback Form" f'www.disabilitytrust.org.au jew
- billi ċċempel 1300 347 224.

The Disability TRUST

*... ħolqien ta' dinja inklussiva*

## Ikkuntatjana

PH: 1300 DISABILITY / 1300 347 224

WWW.DISABILITYTRUST.ORG.AU








Ottubru 2017

# ID-DRITTIJIET TIEGĦEK




The Disability TRUST

*...ħolqien ta 'dinja inklussiva*

**Il-Provditur tiegħek tal-NDIS, b'Esperjenza**

# ID-DISABILITY TRUST TIMMIRA LEJN "ĦOLQIEN TA' DINJI INKLUSSIVA" LI TAPPREZZA U TAPPOĠĠA L-PARTEĊIPAZZJONI TA' KULL PERSUNA.

## AĦNA NEMMNU LI KULĦADD GĦANDU JIĠI TTRATTAT B'MOD ĠUST U B'RISPETT.

Kull individwu għandu d-dritt li jagħmel għażliet dwar ħajjithom u jgħixu l-ħajja li jagħżlu. It-Trust tad-Diżabilità qiegħed hemm biex jgħinek tilħaq l-għanijiet tiegħek u tissodisfa ix-xewqat tiegħek billi toffrilek l-aħjar servizzi u appoġġ possibbli.



IL-VUĊI TIEGĦEK.
L-GĦAŻLA TIEGĦEK.





## Privatezza

Il-Trust tad-Diżabilità jappoġġja u jirrispetta d-dritt tiegħek għall-privatezza u l-kunfidenzjalità. Se niżguraw il-ġbir, il-ħżin u l-użu sikur ta' kwalunkwe informazzjoni personali.

## Aċċess u Ekwità

Is-servizzi tat-Trust tad-Diżabilità huma disponibbli għan-nies kollha irrispettivament minn razza, reliġjon, kultura, sess jew preferenza sesswali. Aħna nippjanaw l-appoġġ tagħna skont il-ħtiġijiet u l-preferenzi kulturali tiegħek.

Jekk teħtieġ interpretu, ċemplilna permezz tat-TIS (Servizz ta' Interpreti bit-Telefon. Numru tat-telefon 131 450).

## Ilmenti

Jekk m'intix kuntent bis-servizz li tirċievi mingħandna, għarrafna. It-Trust tad-Diżabilità jappoġġja d-dritt tiegħek li tagħmel ilment dwar kwalunkwe aspett tas-servizzi li tirċievi. Aħna impenjati li nittrattaw kwalunkwe ilment b'mod ġust u fi żmien raġonevoli.

Is-smigħ u r-rispons tagħna għat-tħassib tiegħek itejjeb is-servizzi u l-appoġġ tagħna għal kulħadd.

## Nissodisfaw il-Ħtiġijiet Tiegħek

It-Trust tad-Diżabilità jappoġġa d-dritt tiegħek li diddeċiedi xi trid inti stess u jirrispetta l-għażliet tiegħek fil-mod kif tgħix il-ħajja tiegħek. Aħna noffru servizzi li jirriflettu l-aspirazzjonijiet, il-ħtiġijiet u l-preferenzi individwali tiegħek. Aħna nifhmu kemm hu importanti għalina lkoll li nkunu nklużi fil-komunità.

## Organizzazzjoni tas-Sigurtà tat-Tfal

It-Trust tad-Diżabilità jippromovi prattiċi sikuri għat-tfal u huwa impenjat għal kultura etika li trawwem l-iżvilupp individwali u l-benesseri ta' kull wild. L-organizzazzjoni tagħna żżomm proċess ta' reklutaġġ, skrinjar u għażla rigoruża u konsistenti tal-impjegati u l-voluntiera.

## Appoġġ għas-Saħħa u s-Sigurtà tiegħek

Is-servizzi tagħna huma mfassla biex isostnu s-saħħa u s-sigurtà tiegħek. L-istaff tagħna huwa mħarreġ biex jagħti servizz ta' standard għoli, biex jagħtik għażliet u varjetà ta' għażliet fil-ħajja ta' kuljum tiegħek u biex jappoġġja l-indipendenza u l-inklużjoni tiegħek fil-ħajja tal-komunità.